**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Marzu, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 66/2019 AF**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**vs**

**L-Avukat Dr. Dustin Camilleri u l-Prokuratur Legali Madeline Firman li b'digriet tat-23 ta' Lulju 2019 gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil Lorraine Mariam Carmen Maskell, assenti minn Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' HSBC Bank Malta plc, li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Il-Bank rikorrenti kien ikkonceda facilità ta' self lill-intimata, permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat il-15 ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) wara *sanction letter* mahruga mill-istess Bank rikorrenti u datata

7 ta' Mejju 2009, (kopja tal-kuntratt ta' self u sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. "HSBC 1" u "HSBC 2".

Il-bilanc li ghandha thallas l-intimata huwa ta' seba' u hamsin elf mitejn u hamsa u ghoxrin Ewro u sebghin centezmu (€57,225.70), rapprezentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf erba' mja u zewg Ewro u tmienja u disghin centezmi (€23,402.98), rapprezentanti interessi li ddekorrew sal-11 ta' Jannar 2019 u dana kif jirrizulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. "HSBC 3".

L-intimata ghandha taghti wkoll is-somma ta' seba' mija u disghin Ewro (€790.00) rapprezentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' mitejn erba' u sittin Ewro u disa' u tletin centezmu (€264.39), rapprezentanti interessi li ddekorrew sal-11 ta' Jannar 2019 fuq kont tal-*Visa*.

L-intimata ghandha taghti wkoll is-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€335.21), rapprezentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' hames Ewro u tmienja u tmenin centezmu rapprezentanti interessi li ddekorrew sal-11 ta' Jannar 2019 fuq kont *savings*.

Ghalhekk l-intimata ghandha thallas lill-bank rikorrenti, s-somma kumplessiva ta' tnejn u tmenin elf u erba' u erbghin Ewro u disghin centezmu (€82,044.90), in kwantu kapital u imghaxijiet ikkalkulati sal-20 ta' Marzu 2018, u dan b'riserva ghal dawk l-imghaxijiet legali dovuti mill-21 ta' Marzu 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Minkejja li l-intimata giet interpellata mill-bank rikorrenti, anke permezz ta' ittra ufficcjali tal-15 ta' Lulju 2014 (2400/14) (Dok. "HSBC 4"), hija baqghet inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuta m'onoratx il-pagamenti miftehma u b'hekk iddekadiet mill-beneficcju taz-zmien.

2. Tiddikjara li l-konvenuta ghandha taghti lill-bank rikorrenti is-somma ta’ tnejn u tmenin elf u erba’ u erbghin Ewro u disghin centezmu (€82,044.90), u dana oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-11 ta’ Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali.

3. Tikkundanna lill-intimata thallas lill-bank rikorrenti s-somma ta’ tnejn u tmenin elf u erba’ u erbghin Ewro u disghin centezmu (€82,044.90), u dana oltre l-imghaxijiet legali mit-12 ta’ Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-intimata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali numru elfejn u erbgha (2400/14) datata 15 ta’ Lulju, 2014 (2400/14) u bl-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Lulju 2014 sad-data tal-pagament finali kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu gew mahtura Dr. Dustin Camilleri u l-PL Madeline Firman bhala kuraturi ghall-assenti Lorraine Maskell.

Rat ir-risposta guramentata tal-fuq imsemmija kuraturi li permezz taghha gie eccepit illi:

Id-deputati kuraturi gew hekk nominati permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat 23 ta’ Lulju, 2019.

L-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

L-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet kemm il-darba jirnexxilhom jaghmlu kuntatt mal-konvenuta.

L-esponenti qeghdin jitolbu minn issa xi l-indirizz u/jew dettalji ohra li jista’ jkollu l-attur, oltre dawk imnizzla fir-rikors promotur, li permezz taghhom ikunu jistghu jikkuntattjaw lil Lorraine Mariam Carmen Maskell.

F’dan l-istadju l-esponenti ma ghandhomx noti u dokumenti x’jipprezentaw, kwindi jirrizervaw d-dritt li jaghmlu dan fi stadju ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Salv risposta ulterjuri u/jew eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank kif verbalizzata fit-28 ta’ Novembru 2019 fis-sens li l-bank ma kellu ebda informazzjoni dwar ir-residenza ta’ Lorraine Maskell.

Rat li l-kuraturi ma kellhom ebda provi xi jressqu.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-Bank rikorrenti irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li t-talbiet tieghu huma gustifikati u b’hekk jisthoqqilhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta, tilqa’ t-tieni talba kif dedotta, tilqa’ t-tielet talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Lorraine Mariam Carmen Maskell.

IMHALLEF

DEP/REG